GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

# ĊIRKULARI

**Data:** 10 ta' Ottubru 2023 **Ref:** DELH 019/2023

**Lis-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet taċ-Ċentri tal-Kindergarten u l-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti, Kapijiet tal-Entitajiet

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **Iċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Litteriżmu, il-Ħamrun**

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu bi pjaċir tħabbar li ċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Litteriżmu fil-Ħamrun, se jkun miftuħ għall-professjonisti kollha (għalliema tal-klassi, LSTs, għalliema kumplimentari, LSEs, KGEs eċċ.) u l-ġenituri li wliedhom ikunu qegħdin jieħdu sehem f'xi programm tal-litteriżmu (servizz kumplimentari, Reading Recovery, Nwar, eċċ.) li jixtiequ jissellfu riżorsi tal-litteriżmu fil-jiem u l-ħinijiet t'hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Fix-xitwa (1 Ottubru-15 Ġunju) | It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis, u l-Ġimgħa<br>mit-8.00 sal-16.00 |
| | L-Erbgħa mit-8.00 sas-18.30 |

Iċ-ċentru qiegħed ħdejn iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, il-Ħamrun u fih issibu għażla wiesgħa ta' riżorsi tal-litteriżmu bil-Malti u bl-Ingliż miġbura bil-għan li jgħinu lil dawk li jaħdmu f'dan il-qasam fix-xogħol tagħhom.

Min jixtieq jikkuntattja lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu biex jistaqsi fuq iċ-Ċentru tar-Riżorsi fil-Ħamrun jista' jagħmel dan billi jibgħat ittra elettronika lil lrc.nla.malta@ilearn.edu.mt jew iċempel **2598 3317**. Il-ħinijiet tal-ftuħ tal-post il-ġdid taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Litteriżmu f'Għawdex se jitħabbru aktar 'il quddiem.

L-assistenti librara tal-Aġenzija jwasslu lill-edukaturi r-riżorsi mislufa fl-iskola jew id-dar tagħhom, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Is-self jista' jsir b'telefonata li fiha jingħataw id-dettalji ta' min ikun se jissellef ir-riżorsi. Biex tkunu tafu x'riżorsi hemm fiċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Litteriżmu idħlu f'din il-ħolqa - https://educationservices.gov.mt/en/nationalliteracyagency/Pages/Units/Literacy-Resource-Centres.aspx Hemm wieħed isib il-katalgu taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Litteriżmu.

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**